**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 5/07(20_06_07).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2007, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku wasal għal-laqgħa fis-6.55 ta' filgħaxija.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-15 ta' Ġunju 2007.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
6. Il-Laqgħa tal-Lokalita' 2007.
7. Tindif fil-Wied tax-Xlendi.
8. Rapport Finanzjarju għas-sena li għalqet Marzu 2007.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2007 mingħand is-Sur James Catania, Assistent Direttur Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Ilmenti Dwar Kundizzjonijiet ta' Bankini u Ħmieġ fit-Toroq'. Peress li kemm il-kundizzjonijiet ta' bankini u anke' il-ħmieġ fit-toroq jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kunsilli, huwa ħeġġeġ lill-Kunsilli sabiex jagħmlu l-isforzi tagħhom biex l-indafa fil-lokal tkun waħda ta' livel għoli għal benefiċċju taċ-ċittadini u tan-nies li jżuru l-lokal.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra ta' radd il-ħajr mingħand is-Sur Leli Attard, Superjur tal-MUSEUM – Sannat għall-għotja li l-Kunsill għamel lill-MUSEUM. Huwa fisser li din l-għotja minbarra għajnuna fil-ħtiġijiet li jkollhom, tfisser ukoll apprezzament u nkoraġġiment fil-ħidma tagħhom mat-tfal u żgħażagħ u awgura lill-Kunsill aktar ħidma siewja.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjura Noemi Attard rigward gruppi li rnexxilhom jagħqdu sabiex joffru varjazzjoni ta' spettaklu ta' żfin u kant bl-isem 'Art Alive Dance Group'. Hija tat xi informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u ħeġġet lill-Kunsill sabiex jaħdem id f' id magħhom sabiex jittellgħu spettakli f' diversi okkażżjonijiet.

2.04 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03297/07 – *To place seven tables and chairs infront of 21 Triq ix-Xatt, Xlendi, Gozo. These tables and chairs are to be used in connection with 24 Ta' Nona Snack Bar, Triq ix-Xatt, Xlendi, Gozo*, fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Xerri, Segretarju Munxar Falcons FC rigward 'Munxar Falcons FC Memberships'. Huwa ħabbar xi pjanijiet li għandhom għall-futur tal-Klabb u t-tnedija ta' skema ta' *membership* li permezz tagħha kulħadd ikun jista' jagħti l-għajnuna. Huwa bagħat formola ta' applikazzjoni kemm għall-*membership* kif ukoll għall-Kumitat għall-istaġun li ġej.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02419/07 – *Proposed extra floor and penthouse*, fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq il-Qroll, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 02859/07 – *To change use from holiday licenced villa to hostel*, fi Triq it-Torri, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand Ms Josette Cachia, Dipartiment għall-Gvern Lokali invit għall-Konferenza bit-tema 'Public Risk Management in Local Government' li ser issir fit-22 ta' Ġunju 2007 fil-Corinthia Palace Hotel, Ħ'Attard. Hija bagħtet ukoll *program draft* ta' kif ser titmexxa l-Konferenza.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Mario Calleja, Director Corporate Services fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Settlement of Payments due to Government Departments'. Huwa qed jappella lill-Kunsilli Lokali Għawdxin li għadhom ma ħallsux għal xogħol li sar minn xi Dipartiment tal-Gvern f' Għawdex għall-Kunsill sabiex jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom u jħallsu l-kontijiet tagħhom b' mod regolari.

2.09 Il-Kunsill irċieva l-'Malta Tourism Authority, Tourism Zone Management Report – Issue Assessment Report' bis-suġġett 'Open Sites' b' *e-mail* mingħand is-Sur David Apap – Tourism Zone Officer għal Għawdex.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat, Gozo Joint Committee for Law Enforcement rigward is-servizz ta' Gwardjani Lokali li jintużaw meta l-Kunsill joħroġ permessi sabiex Kuntratturi jkunu jistgħu jaħdmu f' toroq arterjali jew toroq oħra relatati mat-*traffic management* li jkollhom bżonn attenzjoni partikulari. Huwa ħeġġeġ lis-Segretarji Eżekuttivi sabiex isegwu l-proċeduri msemmija f' din l-*e-mail*.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Charles Vella, Manager Nursing Services, Dipartiment tal-Kura Primarja rigward Proġett pilot li sar ma' żewġ Kunsilli Lokali madwar sena ilu fejn bdiet tingħata l-insulina u moniteraġġ ta' *glucose* lill-pazjenti dijabetiċi minn infermiera kkuntrattati mill-Kunsilli. Peress li dan il-proġett irnexxa, din l-iskema ser tiġi offruta lil dawk il-Kunsilli li jixtiequ jissieħbu billi japplikaw sa mhux aktar tard mil-15 ta' Lulju 2007.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand is-Sur Lorrie Saliba, Group Scout Leader, Victoria Scout Group għad-donazzjoni li l-Kunsill ta sabiex ittaffi xi ftit mill-ispejjeż lill-parteċipant mill-Munxar li ser jattendi għal-Jamboree ta' l-Iscouts li ser isir fl-Ingilterra u wera x-xewqa li qabel jitilqu għall-Jamboree issir laqgħa mal-Kunsill.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Romina Libreri, Event Coordinator, 4Life Marathon fejn talbet il-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex jinġarbu fondi għal din il-maratona u imbagħat jiġu ppreżentati fuq programm *live* fuq it-*television*. Is-Sindku ġie mitlub ukoll sabiex ikun parti mit-*team* li jilqgħu t-telefonati li jidħlu bid-donazzjonijiet għall-Arka Foundation, Dar il-Kaptan, Dar Nazareth u The Ursuline Sisters.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Adrian Vella PhD, Conservation Biologist Co-ordinator u Fundatur tal-Biological Conservation Research Foundation (BICREF) fejn stieden lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex jiġbru kopja ta' *set* ta' *posters* bla ħlas u jitwaħħlu fil-Kunsill. Barra dawn, hemm ukoll DVD li l-Kunsilli jistgħu jixtru. Huwa ħabbar ukoll li ser jorganizzaw *seminars* bla ħlas fid-9 ta' Ġunju 2007 u fit-23 ta' Ġunju 2007.

2.15 Il-Kunsill irċieva b' *e-mail* kopja ta' *Press Release* datata 6 ta' Ġunju 2007, mingħand Ms Philippa Arrigo, Project Coordinator, Malta Resource Centre (MRC) bit-tema 'Intensive Training and Technical Assistance Programme for NGO's, and Civil Society Organization on EU Structural Funds'. Hija tat ftit informazzjoni wkoll dwar l-organizzazzjoni SOS Malta.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra u *leaflet* mingħand is-Sur John Barnes, Liaison Representative, Gozo and Comino Sub-Committee, Din l-Art Ħelwa fejn spiega l-ħidma tagħhom u ħabbar li ser jitwaqqaf Sotto-Kumitat ġdid li jitratta biss lil Għawdex u Kemmuna. Huwa wera x-xewqa li ssir laqgħa bejnhom u l-Kunsill sabiex jintroduċu ruħhom aħjar u jiġi stabbilit f' hiex jistgħu jkunu ta' għajnuna lill-Kunsill.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Oval Attard, Segretarju, Federazzjoni Maltija ta' Organizzazzjonijiet Persuni b' Diżabilita' rigward il-Kampanja '1million4disability' f' għeluq l-10 Anniversarju mit-twaqqif ta' din il-Fondazzjoni. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jinġabru kemm jista' jkun firem sabiex jiġu ppreżentati quddiem il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropej u jiżguraw li d-drittijiet tal-Persuni b' Diżabilita' jkunu nklużi fil-Legislaturi kollha tal-Ewropa.

2.18 Il-Kunsill irċieva permezz ta' *e-mail* mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fit-23 ta' Mejju 2007, sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ko-ordinatur tal-Logħob tal-Baħar li jiġu organizzati minn Kumitat Organizzattiv tal-Logħob tal-Baħar fi ħdan il-Knisja tax-Xlendi. Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jisponsorja s-somma ta' Lm190 li tkopri sistema ta' PA madwar il-Bajja flimkien ma' Preżentatur, il-Paramediċi u Ambulanza tar-Red Cross *stand by* kif ukoll l-ispejjeż tat-*trophies*. Huwa fakkar lill-Kunsill li s-sena li għaddiet l-ispejjeż tat-*trophies* tħallsu mill-Knisja stess. Ġie deċiż li l-Kunsill joffri li jħallas għat-*trophies* biss.

3.02 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali abbozz ta' kuntratt dwar ftehim li sar bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Maltacom plc. L-Assoċjazzjoni qed tħeġġeġ lill-Kunsilli sabiex jiffirmawh. Permezz ta' dan il-kuntratt, il-Maltacom plc tintrabat li tagħti lill-Kunsill kera ta' linja fissa u żewġt numri tal-go mobile b' xejn. Il-Kunsill min-naħa tiegħu għandu jikkopera kull meta jkun hemm bżonn ta' trinek fil-lokalita'. Qed jiġi propost ukoll fond ta' Lm1,000 u jitqassam bħala premju għal kompetizzjonijiet għall-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li din il-materja titqajjem fil-laqgħa tas-Sindki.

3.03 Il-Kunsill irċieva mandatt mingħand l-Inġinier Joseph u Lorita konjugi Bajada biex b' xi mod jew manjiera, personalment jew permezz ta' terzi, nkomplu bix-xogħlijiet ġia ntrapreżi minna jew minn xi ħadd ieħor fi Triq il-Professur Ġuże' Aquilina, Munxar. Illi x-xogħlijiet ser jirrekaw danni irreparabbli lill-Inġinier Bajada billi l-ilma tax-xita ser jiġi devjat għan-naħa tad-dar tagħhom bir-riżultat ta' dħul sostanzjali ta' ilma fis-*semi basement* tas-Sur Bajada. Mal-Kunsill ġew ukoll imħarrka d-Direttur Proġetti u Żvilupp u r-Roads Construction Ltd. Dawn ix-xogħlijiet tat-toroq qed isiru mir-Roads Construction Ltd. u mħallsa mid-Direttur Proġetti u Żvilupp. Il-Kunsill ħatar lill-Avukat Chris Said sabiex jidher għall-Kunsill.

3.04 Il-Kunsill ġie kkuntatjat mingħand is-Sur Eric Vella, Liason Officer bejn l-Enemalta u l-Kunsilli Lokali sabiex issir laqgħa mall-Kunsill nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju 2007 fil-11.15 ta' filgħodu. F' din il-laqgħa ser ikun hemm preżenti l-*Contracts Manager* inkarigat mil-lampi tat-toroq.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 5/07(20_06_07).

**5.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-għaxar *pots* kienu tpoġġew fix-Xlendi. It-tqaxxir tal-wiċċ quddiem l-istatwa ta' Sant' Indrija ma huwiex ser isir peress li mill-1 ta' Lulju ma jistax isir xogħol fil-Bajja u għalhekk dan il-wiċċ ser jittranġa. Fi Triq il-Kappar ser isiru *road markings* fejn ma huwiex suppost li tipparkja. Ser jeħel ukoll is-sellum tal-baħar fix-Xlendi.

**6.00 Il-Laqgħa tal-Lokalita' 2007.**

6.01 Il-laqgħa tal-lokalita' saret nhar il-Ħadd, 10 ta' Ġunju 2007. Fid-9.30 ta' filgħodu saret il-laqgħa għar-residenti tal-Munxar fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, filwaqt li għar-residenti tax-Xlendi saret laqgħa fis-St. Patrick's Hotel fl-10.30 ta' filgħodu.

6.02 Għal-laqgħa tar-residenti tal-Munxar kien hemm preżenti s-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv. Membri tal-pubbliku kien hemm tlieta.

Waqt il-laqgħa tqajjmu dawn il-punti:

- Talba sabiex fil-Pjazza tal-Knisja ssir *zebra crossing* peress li hija perikoluża speċjalment għat-tfal li jkunu sejrin il-Knisja.
- Ilment dwar *dumping* li qed isir fil-Wied ta' Triq San Pawl.
- Ilment dwar *parking* ta' karozzi fuq iż-*zebra crossing* ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali, Munxar.
- Ilment dwar il-*concrete* li sar f' Tas-Sanap.
- Ilment dwar *dumping* li qed isir f' Tas-Sanap.
- Sar suġġeriment sabiex isir tindif fil-lokalita' billi l-għaqdiet tal-lokalita' jiġu nkarigati milli jnaddfu xi post.
- Fi triq tax-Xatba qed isir *dumping* u l-Kunsill għandu jinvestiga mal-MEPA.
- Sar ringrazzjament minn Rappresentant tal-Munxar Falcons FC dwar sapport tal-Kunsill.
- Sar suġġeriment biex il-Kunsill joffri tagħlim lill-studenti li jkunu jeħtieġu għajnuna fl-istudji tagħhom.

6.03 Fil-laqgħa li saret għar-residenti tax-Xlendi kien hemm 8 persuni preżenti u min-naħa tal-Kunsill kien hemm is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier, u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku ta redikont tax-xogħlijiet li saru u ta' dawk ippjanati li jsiru fix-Xlendi. Il-pubbliku preżenti qajjem dawn l-ilmenti:

- Talba biex isir tindif ta' Triq il-Kappar, tinxtegħel il-bozza l-ġdida u jitwaħħlu xi *bins*. Sar suġġeriment biex din it-triq tingħalaq permezz ta' *barrier* minn barra biex jidħlu r-residenti biss. Is-Sindku infurmahom li dan ma jistax isir.
- Jitnaddaf maġenb il-*Bring in Site* li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi.
- Għandu jsir xi ħaġa biex it-Torri tax-Xlendi jiġi salvat milli jiġġarraf u jingħata f' idejn xi għaqda biex tieħu ħsiebu.
- Jittranġa l-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi speċjalment dik il-parti ta' ġew li tasal għal taħt Triq il-Kantra.
- Isir tindif ta' Triq il-Kantra u l-Wied mit-terrapien. Ġew ippreżentati xi ritratti.

**7.00 Tindif fil-Wied tax-Xlendi.**

7.01 Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Perit John Saliba li huma responsabbli mill-Applikazzjoni tal-Kunsill lill-MEPA biex il-Wied tax-Xlendi jitnaddaf. Il-MEPA qed titlob lill-Kunsill sabiex jagħmel garanzija ta' Lm2,500 biex ikun jista' jinħareġ il-permess. Il-Perit Saliba ma jaqbilx li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Gvern u dan peress li fil-permess hemm ħafna kundizzjonijiet li l-Kuntrattur irid jimxi magħhom. Huwa ssuġġerixxa li dan ix-xogħol jingħata lil xi Kuntrattur privat u b' hekk huwa jkun jista' jissorvelja x-xogħol sew. Ġie deċiż li l-Kunsill jitkellem mal-Ministeru għal Għawdex biex jiġi identifikat x' għajnuna jistgħu jagħtu.

**8.00 Rapport Finanzjarju għas-sena li għalqet Marzu 2007.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' l-Awditur għas-sena li għalqet f' Marzu 2007. Is-sena finanzjarja għalqet b' *surplus* ta' Lm8,339, jiġifieri Lm2,348 aktar mis-sena finanzjarja l-oħra. Il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju biex ikun jista' jintbagħat lill-Awditur Ġenerali.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' direzzjoni li l-Awditur għamel dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Huwa qajjem dawn il-punti:

- *Depreciation* ta' l-Assi tal-Kunsill.
- *Prepayment* u *Accruals.*
- *Special Needs Fund* li għadhom ma ntefqux.
- Rikonċiljazzjoni tal-Pagi.

Issa jmiss li s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jwieġbu għall-ittra ta' Direzzjoni.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hekk kif saret l-ewwel kisja bit-tarmak tat-toroq fid-daħla tal-Munxar, il-Kunsill ġab bowżer ilma biex jiġi ppruvat il-pendil tat-toroq. Peress li l-ilma li ntuża kien ftit, il-kumplament ta' l-ilma ntefa' fis-siġar ta' Triq Ras il-Bajjada.

9.02 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa ta' informazzjoni ma' Uffiċjali tal-MEPA biex jiġi spjegat kif ser taħdem is-sistema ta' *plots* vojta.

9.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li riedu jitqassmu *flyers* fil-Munxar minħabba li kienet ser issir il-laqgħa tal-lokalita' u tal-Posta kienu bi strajk, huwa qabbad żewġt *players* mill-Munxar Falcons FC u ser jitħallsu Lm20.00.

9.04 Il-KIP Għawdex Ltd. li jieħu ħsieb il-ġbir ta' skart domestiku informa lis-Sindku li kien lest biex jibdew jagħtu s-servizz filgħodu mill-1 ta' Lulju 2007. Ġie deċiż li s-servizz jibda jingħata filgħodu mit-Tnejn, 9 ta' Lulju 2007 peress li l-Kunsill irid jipprepara *flyer* u jsiru *stickers* ġodda. Għax-Xlendi ser isir ġbir ta' skart kull nhar ta' Ħadd f' Lulju, Awissu u Settembru. Is-Sindku ssuġġerixxa li fix-Xlendi jitpoġġew aktar *pots* bix-xtieli. Ġie deċiż li s-Sindku jara kemm hemm bżonn aktar *pots*.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għax-xogħlijiet li hija kienet talbet fil-laqgħa preċidenti biex isiru xogħlijiet u li dawn għadhom ma sarux. Hija qed titlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jitlob biex isir *patching* fi Triq ix-Xlendi peress li l-ħofor qed jikkaġunaw ħsejjes mill-vetturi. Talbet ukoll biex il-Wied tax-Xlendi jitnaddaf mill-ħmieġ li ntefa' u anke' jinqata' l-qasab li hemm fil-kantuniera tat-triq għax qed jirrendi t-triq bħala *blind corner*.

10.02 Is-Sur Patrick Grima staqsa dwar il-bankina li hemm fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun.

10.03 Is-Sur Mario Camilleri qed jissuġġerixxi lill-Kunsill sabiex issir ittra lir-residenti tal-Munxar biex jintalbu jinfurmawna dwar x' qed jistennew mill-Kunsill u ma' din l-ittra ninkludu *envelope* bil-bolla biex ikunu jistgħu jinpustaw it-tweġibiet tagħhom.

Is-Sur Mario Camilleri ssuġġerixxa wkoll li jkun hemm *links* bejn il-*website* tal-Kunsill, tal-Munxar Falcons FC u tal-Parroċċa.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħanut minn fejn kienu nxtraw il-bankijiet bħal dak li twaħħal fuq il-bankina fi Triq il-Munxar ma għadx għandu minnhom. Ġie deċiż li l-Kunsilliera jaraw hekk hemmx bħalu fi ħwienet oħra.

11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien ikkuntatja lill-Kumpanija Abakus Solutions Ltd. dwar il-possibilita' li l-*Web Cam* tiġi *live* u mhux bħalma hija bħalissa billi tittrasmetti permezz ta' *Frames*. L-istima sabiex isir dan hija:

Installazzjoni ta' *software* mill-Kumpanija Abakus - Lm59 VAT inkluża.
*Computer* ġdid – Lm339 VAT inkluża.
1 gb Ram *extra* – Lm20 VAT inkluża.
DVD *player* – Lm25 VAT inkluża.

Kien hemm qbil sabiex din is-sistema tinxtara u matul il-lejl il-Kunsill jibda jxandar materjal promozzjonali dwar Malta u Għawdex, u attivitajiet tal-Kunsill.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill jibagħat *flyer* fil-Munxar u Xlendi dwar servizzi bħal xogħol ta' Kaħħal u Bajjad, ilma u dawl, Mastrudaxxa, Bennejja u xogħol ta' agrikultura. Kien hemm qbil li dan l-avviż isir ma' l-avviż dwar il-ħinijiet il-ġodda ta' ġbir ta' skart.

11.04 Peress li l-Kunsill iddeċieda li joffri servizz ta' *minibus* kull nhar ta' Ħadd għall-festi, s-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill jiddeċiedi minn meta ser jibda dan is-servizz u għalhekk ġie deċiż li jibda mill-Festa ta' Kerċem nhar it-8 ta' Lulju 2007. Avviż dwar dan is-servizz kien ser jiġi nkluż fil-*flyer* li ser jintbagħat fid-djar. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jieħu ħsieb billi jitlob għal diversi stimi mingħand sidien ta' *minibuses*.

11.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kien talab tlett kwotazzjonijiet biex isir *patching* bit-tarmak, kien il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. li bagħat ir-rati u li huma:
Rata 1 - Lm19.75 VAT u *Contract Manager Fee* Inkluż.
Rata 2 - Lm28.00 VAT u *Contract Manager Fee* Inkluż.
Rata 3 - Lm28.00 VAT u *Contract Manager Fee* Inkluż.
Rata 4 - Lm25.00 VAT u *Contract Manager Fee* Inkluż.

Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazzjoni u kien ser jagħmel xi *patching*.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Fit-13 ta' Ġunju 2007 saret laqgħa mas-Sur Kevin Sciberras u s-Sur Charlie Zammit mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar l-attivita' 'L-Imnarja mal-Bajja' li ser issir fil-Bajja tax-Xlendi, s-Sibt 30 ta' Ġunju u l-Ħadd 1 ta' Lulju 2007. L-ewwel ġurnata ta' din l-attivita' ser tkun iddedikata għall-mużika *pop* u t-tieni ġurnata tkun iddedikata għal mużika *folk*. Fit-tieni ġurnata ser isir bejgħ ta' ħut frisk lill-pubbliku fejn ikun jista' jmur f' ristorant indikat biex tissajjar hemm. Il-Kunsill intalab jikkontribwixxi billi jħallas għad-dawl tal-palk u s-*sound* fejn kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sinjura Carmen Said staqsiet lis-Sindku dwar f' hiex waslu l-preparamenti. Is-Sindku infurmaha li hemm 12 –il ristorant interessat u li din il-ġimgħa jew id-dieħla ser terġa' ssir laqgħa mas-Sur Kevin Sciberras.

12.02 Is-Sinjura Carmen Said talbet biex lill-Kunsilliera jingħatalhom xi responsabiltajiet. Ġie deċiż li din il-materja tiġi nkluża fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Lulju 2007, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***